Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/18

**Motor Tests Services Ltd (C25190) u**

**Anna Maria Grech (KI 75458M)**

**(appellanti)**

**vs**

**Trasport Malta**

**(appellata)**

27 ta' Jannar, 2020.

1. **Din il-kawża saret mill-atturi sabiex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta li ħassret il-liċenzja tas-soċjeta` attriċi bħala operatur ta' VRT *station* u ġiet imposta penali ta' 1010 punt u multa ta' €11,110.**

2. Permezz ta' ittra datata 28 ta' Frar 2018[1], Transport Malta infurmat lis-soċjeta` attriċi li *ai termini* tar-*Regolamenti Dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq* (L.S. 65.15):

(i) Kienet qegħda tirrevoka b'effett immedjat il-liċenza tagħha bħala operatriċi ta' VRT station minħabba "*gross acts of misconduct or negligence and/or other serious grounds which warrant the immediate revocation of your licence*". Ġie spjegat lilha li dan kien qed isir għaliex:

- kien irriżultalha li fix-xahar ta' Diċembru 2017 u fl-ewwel jiem ta' Jannar 2018 kienet ħarġet ammont sostanzjali ta' ċertifikati ta' "*Pass VRT Test*", f'ċerti każijiet anke bil-lejl u b'intervall tant qasir bejn wieħed u ieħor li jindika li it-testijiet ma kinux effettivament saru; u
- kien irriżultalha ulterjorment li 177 vettura li inħarġilhom ċertifikat

[1] Fol 4.

ta' *"Pass Test Result"* bejn il-perjodu 01.12.2017 u 31.12.2017 ma ġewx ittestjati u li 51 vettura li inħarġilhom ċertifikat ta' *"Pass Test Result"* f'tali perjodu ma kellhomx jgħaddu.

(ii) Kienet qegħda timponi penali ta' 1010 punt[2] u multa amministrattiva ta' €11,110.

3. Fl-20 ta' Marzu 2019 is-soċjeta\` attriċi u d-direttriċi tagħha Anna Maria Grech appellaw quddiem it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva. Spjegaw li kienu ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorita\` u għalhekk talbu lit-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni, jew jimmitigaw s-sanzjoni imposta.

4. Fil-15 ta' April 2019 it-Tribunal ċaħad t-talba tal-atturi bl-ispejjeż, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita\`konvenuta.

5. Fit-2 ta' Mejju 2019 l-atturi appellaw mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

*"jikkonsisti prinċipalment fil-fatt illi t-Tribunal, dejjem bid-dovut rigward, ma afferrax kif jixraq il-provi prodotti u għamel valutazzjoni u apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha (sic) mressqa mill-appellanti."*

Isostnu li ma kienx korrett it-Tribunal meta iddeċieda li minkejja li kienet hija (Anna Maria Grech) stess li rrapurtat lil Joe Delia lill-Awtorita\` konvenuta kellha ġġorr ir-responsabbilta\` amministrattiva għall-ħażin li għamel hu. Jenfasizzaw ukoll illi:

*"hekk kif appena l-esponenti saret taf x' kien qed jagħmel Joe Delia hija immedjatament marret l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Luqa u hemmhekk għamlet rapport mal-Pulizija sabiex dawna jinvestigaw……Illi għalhekk indubjament kien bl-involviment akkanit tal-esponenti li Delia inqabad u saret ġustizzja miegħu."*

Jargumentaw ukoll li prova per se ta' eżattament x'għamel Joe Delia ma tressqitx mill-Awtorita\` konvenuta; u li l-Awtorita\` ma ressqet lil ħadd minn dawk il-persuni (sidien ta' vetturi) li t-*test* tagħhom kien allegatament illegali.

---

2 10 punt in kwantu *"photo procedure not followed"*; u
1000 punt in kwantu *"Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail result should have been issued"*.

In oltre jilmentaw illi huwa skorrett ir-raġunament tat-Tribunal, li bħala operatur messha kienet *"iktar viġilanti"* sabiex jiġi evitat li jseħħ dak li seħħ. Isostnu li r-responsabbilta` kriminali ta' min żbalja ma tistax tiġi estiża għal responsabbilta` amministrattiva fuq terz li m'għandu x' jaqsam xejn.

6. Fl-24 ta' Mejju 2018, l-Awtorita` konvenuta appellata, wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li l-appell interpost mill-atturi huwa kompletament infondat u bla ebda bażi u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**XHIEDA.**

7. **L-attriċi Anna Maria Grech** fl-affidavit tagħha[3] spjegat li hija s-sid tas-soċjeta` attriċi li topera VRT station. Spjegat li kienet timpjega żewġ VRT *testers:* lil Anthony Mark Micallef fuq bażi *full time* (mit-Tnejn sal-Ġimgħa), u lil Melvin Zammit fuq bażi *parti time* (is-Sibt biss). Qalet li fis-sena 2017 kienet impjegat lil Joe Delia bħala *helper* sabiex igħin lill-VRT *testers* li kellha. Iddeskriviet ix-xogħol ta' Joe Delia hekk:

*"Ix-xogħol tiegħu għalhekk kien jikkonsisti biss biex fost affarijiet bażiċi oħra, iqabbad il-pipes biex it-tester jiddetermina l-emissions tal-vettura, idawwar l-isteering u l-indicators, jikteb id-data tal-logbook kif ukoll jagħmel il-monthly reports li konna ngħaddu lit-Transport Malta kull xahar. Illi wkoll Delia, peress li kien jibda x-xogħol tiegħu kmieni fil-għodu, kont għaddejtlu l-electronic remote biex jiftaħ il-garaxx hu, u jixgħel u jipprepara l-computers għat-tester, biex kif jiġi t-tester jibda mal-ewwel bil- VRTs."*

8. Dwar il-"*monthly reports*", spjegat li dawn kienu jikkonsistu f'żewġ rapporti separati: (i) wieħed kien jirrigwarda r-ritratti ta' kull vettura li tkun għamlet it-*test* tal-VRT, u (ii) l-ieħor kien jirrigwarda l-*First Registration*, ċioe` kien relattiv għall-karozzi li jkunu ġew minn barra minn Malta u għaldaqstant ma kinux ikunu reġistrati Malta.

[3] Affidavit ta' Anna Maria Grech, fol 38-40.

9. Qalet li ma kinitx tkun il-ġurnata kollha fil-VRT station u kienet tiġbor il-flus l-għada fil-għodu, fejn kienet tieħu l-*printouts* u tiċċekkja kollox.

10. Kompliet tgħid li t-*tester* Anthony Mark Micallef, li kien jaħdem *full-time*, irriżenja fl-aħħar ta' Novembru 2017, u peress li ma setgħetx issib ieħor, kienet kostretta tiftaħ is-Sibt biss (ċioe` meta jidħol il-*part-time tester* Melvin Zammit.) Għalhekk kienet qalet lill-*helper* Joe Delia biex jiftaħ is-Sibt biss. Qalet li pero` bdiet tinnota ċertu nuqqasijiet da parti tiegħu, li eventwalment wassluha biex tkeċċih:-

*"…bdejt ninnota ċertu lanjanzi da parti tiegħu u infatti kemm-il darba insertajt il-garaxx magħluq u kien ikolli niftaħ jiena biċ-ċavetta manwali – u dana peress li Joe Delia kellu ir-remote control tal-bieb tal-garaxx. Illi inizjalment beda jġib bosta skużi, fosthom li ma jiflaħx, jew inkella saħansitra qas iwieħeb il-mobile, u għaldaqstant, kemm-il darba insistejt li jgħaddili r-remote tal-garaxx. Wara diversi tentattivi ta' xejn jiena qbadt u mort għand il-Pulizija, l-Għassa ta' Ħal Luqa, biex ġialadarba lili r-remote control m'għaddihiliex, issa jkollu jirrritorna din ir-remote control fil-kustodja tal-Pulizija għaliex naturalment kelli bżonnha.*

*Kif ġie ikkuntattjat mill-Pulizija, ngħid illi ġie biċ-ċavetta b'mod immedjat. Kif appena ġie, għarraftu li l-impieg tiegħu miegħi intemm u dan kollu sforz tal-inadempjenza tiegħu."*

11. Spjegat li wara li keċċiet lil Delia kienet talbet lill-*part time* helper Melvin Zammit biex almenu jidħol darba fil-ġimgħa biex jagħmel il-*monthly reports* li kien jagħmel Delia. Qalet li minn hemm beda kollox għaliex Zammit ma sabx ir-ritratti tal-karozzi li kien għamel il-VRT tagħhom hu stess, iżda sab biss ir-rapport rigwardi il-vetturi tal-*First Registration*. Qalet li għalhekk marret minnufih tinforma lill-Awtorita` konvenuta b'dan.

12. Kompliet tgħid li xi jiem wara, kien ikkomunika magħha ċertu Joe Mifsud, *Technical Manager* fl-Awtorita` konvenuta, u infurmaha li kien irriżultalhom li l-VRT station tagħha kienet qed tagħmel it-testijiet bl-lejl. Qalet li dak il-ħin irrealizzat li kien Joe Delia biss li seta' ingannaha b'dan il-mod. Spjegat li għalkemm dawn it-testijiet kienu jsiru bil-*password* tat-*tester* Melvin Zammit, kien fil-fatt jagħmilhom Delia u mhux Zammit, u dan għaliex is-sistema tal-MITA kienet tippermetti li kif wieħed idaħħal l-ewwel ittra tal-kunjom fil-*username*

jitla' l-*password* awtomatikament. Qalet li immedjatament marret tagħmel rapport l-Għassa[4] u l-Pulizija akkużaw lil Delia li ammetta minnufih.

13. **Melvin Zammit** fl-affidavit tiegħu[5] ikkorrobora kompletament il-verżjoni tal-attriċi.

14. **L-ispettur Hubert Cini** fix-xiehda tiegħu tat-12 ta' Novembru 2018[6] ikkonferma li l-attriċi kienet ġiet tagħmel rapport l-għassa ta' Ħal Luqa. Qal li "*milli jidher kienu infurmawha minn Transport Malta*" illi kienu qed isiru xi testijiet abbużivi. Qal li kienet indikatlu lil Joe Delia bħala l-unika persuna li kellha ċ-ċavetta u li setgħet tidħol bil-lejl. Xehed li dan Joe Delia fil-fatt kien ammetta ħamsa mill-akkużi (ma kienx ammetta li kien jgħaddi l-vetturi bil-lejl) u kien qallu mal-ewwel li l-attriċi ma kienet taf b'xejn. Qal li Delia weħel *conditional discharge* u *probation.*

15. **Is-surġent Anthony Degiovanni** (PS518) fix-xiehda tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2018[7] ikkonferma li fit-12 ta' Jannar 2018 l-attriċi Anna Maria Grech kienet għamlet rapport l-għassa ta' Ħal Luqa, fejn qaltilihom li "*kienet ġiet infurmata minn ċertu Joe Mifsud minn Transport Malta*" li kienu qed isiru testijiet tal-VRT bil-lejl. Qal li kienet indikat lil Joe Delia bħala suspettat u spjegatilhom li kien qed juża l-*password* ta' xi impjegat ieħor.

**Konsiderazzjonijiet.**

16. Fl-ewwel lok il-qorti trid taċċenna għan-nuqqas ta' Transport Malta li tressaq provi. Fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2019 ir-rappreżentant tal-appellata iddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq. Wieħed kien jippretendi li l-appellata tressaq bħala xhieda lill-uffiċjali li għamlu l-investigazzjoni sabiex jispjegaw il-konklużjonijiet li

[4] **Dok AD1** (fol 54-56) huwa kopja tar-rapport li għamlet Anna Maria Grech fit-12 ta' Jannar 2018 fl-Għassa ta' Ħal Luqa.
[5] Affidavit ta' Melvin Zammit, fol 41-42.
[6] Xiehda tal-ispettur Hubert Cini, fol 43 *et seq*.
[7] Xiehda tas-surġent Anthony Degiovanni, fol 51 *et seq*.

hemm fl-ittra tas-26 ta' Frar, 2018. Madankollu mir-rikors promotur ma jirriżultax li l-appellanti qegħdin jikkontestaw il-*findings*, u bbażaw il-kawża fuq il-fatt li m'għandhomx ikunu penalizzati minħabba *"aġir kriminuż ta' ħaddieħor"*.

17. Il-qorti tosserva li l-appellanti għamlu ċertu premessi li m'humiex minnhom. Huma jenfasizzaw li kienet l-attriċi Anna Maria Grech li rrapurtat lil Joe Delia mal-Awtorita` konvenuta għall-*"ħażin li għamel"*, u li appena saret taf b'dak li kien qed jagħmel marret dritt tirrapurtah l-għassa.

18. Pero' kienet **l-Awtorita` li infurmat lill-attriċi Anna Maria Grech bl-abbuż li kien qed isir**, cioe` li kienu qegħdin igħaddu mill-VRT *test* numru konsiderevoli ta' vetturi mingħajr ma kien fil-fatt sar it-*test* fuqhom, jew li jekk sar ma kellhomx igħaddu, u li *in oltre* kienu qed isiru testijiet tard bil-lejl. L-attriċi kienet sempliċiment infurmat lill-Awtorita` konvenuta fuq il-kwistjoni tar-ritratti biss. Għalkemm hu minnu li kif saret taf bl-abbuż li kien qed isir mill-*VRT station* marret tagħmel rapport l-għassa, b'daqshekk ma jirrimedjax għan-nuqqasijiet tal-operatur tal-istazzjoni tal-VRT.

19. Għaldaqstant l-abbuż inkixef mhux grazzi għall-intervent tal-attriċi Grech, iżda għaliex l-Awtorita` indunat bl-abbuż li kien qiegħed isir fl-istazzjon.

20. L-atturi jargumentaw ukoll li prova *per se* ta' eżattament x'għamel Joe Delia ma tressqitx mill-Awtorita'. Fil-fatt it-Tribunal osserva li l-ebda uffiċjal tal-Awtorita' ma xehed dwar kif waslet għad-deċiżjoni li minnha sar appell. Osserva li bħala informazzjoni li kellu quddiemu, apparti dak indikat fl-ittra tat-Transport Malta tas-26 ta' Frar 2018, kienet lista b'għadd konsiderevoli ta' vetturi li inħarġilhom it-*test* b'mod irregolari. Hawnhekk it-Tribunal kien qed jagħmel riferenza għad-dokument[8] ta' erba' paġni li ppreżentat l-Awtorita`. Kif osserva tajjeb l-istess Tribunal pero`, *"ir-rikorrenti fl-ebda mument ma ikkontestaw dawn il-fatti".* Inoltre, dak li xehed l-ispettur tal-pulizija Hubert Cini[9] dwar Joe Delia

---

[8] Fol 15-18.
[9] Xhud tal-appellanti.

jikkonferma fl-istazzjon tal-VRT kienu qegħdin isiru irregolaritajiet.

21. L-atturi ilmentaw li hu skorrett ir-raġunament tat-Tribunal, li bħala operatur messha kienet "*iktar viġilanti*" sabiex jiġi evitat li jseħħ dak li seħħ. Isostnu li r-responsabbilta` kriminali ta' min żbalja ma tistax tiġi estiża għal responsabbilta` amministrattiva fuq terz li m'għandu x'jaqsam xejn. F' dan ir-rigward din il-qorti tiċċita s-segwenti bran mis-sentenza tat-Tribunal:

*"Għalkemm jirriżulta illi kienet ir-rikorrenti Grech stess li għamlet rapport mal-Pulizija biex jiġi investigat dak li l-Awtorita` intimata infurmatha li kien qiegħed isir fl-istazzjoni tal-VRT, dan ma jeżonorahiex mill-obbligi tagħha qua operatur. Ir-rikorrenti Grech kellha tkun iktar viġilanti fuq l-operat tal-istazzjon tal-VRT. Dan iktar u iktar meta ftit xhur qabel kienet għadha kif ġiet infurmata li t-tester tagħha*[10] *kien għamel test fażull u li dwaru ġiet penalizzata qua operatur, liema deċiżjoni tinsab appellata quddiem dan it-Tribunal u dwarha se tingħata sentenza llum stess. Ir-rikorrenti Grech qua operatur kellha tieħu ħsieb dak li kien qiegħed jiġri fl-istazzjoni in kwistjoni mhux biss biex tara li qiegħed ikollha qliegħ mill-operat tiegħu, iżda kellha taċċerta ruħha li ma kien qiegħed isir l-ebda abbuż. Il-fatt li hija tat aċċess liberu għall-garaxx lil Delia u wkoll li ma ħadet l-ebda prekawzjoni fis-sistema tal-IT tagħha biex ħadd ħliefha ma jaċċedi għas-sistema biex eventwalment wara t-tester ikun jista' jaċċessa s-sistema tal-VRT, juru nuqqas ta' diliġenza da parti tagħha. Huwa ċar illi r-rikorrenti Grech ma ħaditx ħsieb telimina l-abbużi, anzi tat lok li l-abbużi jsiru. Dan ċertament imur kontra l-obbligi tagħha qua operatur ta' stazzjoni ta' VRT, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-obbligi ai termini tar-***__Regolament 10(1)(a), (j) u (r)__**[11] *tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Din il-laxkezza fl-attitudni tar-rikorrenti Grech*

---

[10] Din hija riferenza għall-mertu tal-kawża l-oħra 45/2017/CG, fejn it-*tester* ċertu Michael Cahill (impjegat mas-soċjeta` attriċi) kien ħareġ ċertifikat ta' VRT "pass" fuq vettura li effettivament ma kienx sar *test* fuqha.

[11] **__Regolament 10:__**

*(1) Meta l-Awtorita` tawtorizza lil xi applikant biex jagħmilha ta' operatur ta' stazzjon għat-testijiet tal-vetturi għandu jħallas għal dik l-awtorizzazzjoni dritt annwali ta' ħames mija tnejn u tmenin euro (€582) għal kull stazzjon ta' testijiet u l-operatur għandu jħares il-kundizzjonijiet li ġejjin:*

***__(a).__ l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon;***

*...*

***__(j).__ l-operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorita`;***

*...*

***__(r).__*** *l-operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkostanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' __test__ sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru."*

*wasslet biex għadd kbir ta' vetturi ġew mgħoddija mill-VRT u li wara rriżulta li ma kellhom qatt jgħaddu. Din hija negliġenza kbira li tat lok li fit-toroq jiċċirkolaw jew għadhom qed jiċċirkolaw vetturi li jistgħu ikunu ta' perikolu kemm għas-sewwieqa nfushom u kemm għal terzi".*

22. Fil-fehma ta' din il-qorti huwa partikolarment sinifikanti il-fatt li ftit xhur biss qabel ma seħħew l-irregolaritajiet mertu tad-deċiżjoni tal-Awtorita` konvenuta, l-attriċi Anna Maria Grech kienet saret taf li wieħed mit-*testers* kien iċċertifika vettura li kienet għaddiet mit-*test* tal-VRT, meta fil-fatt ma sarx it-*test* (ara ittra datata 21 ta' Awissu, 2017).[12] Fl-appell quddiem it-Tribunal, l-atturi għamlu riferenza għal dak il-każ – 45/17 deċiż mit-Tribunal fil-15 ta' April, 2019 u li din il-qorti qegħda tiddeċiedi wkoll illum. L-inċident mertu tal-każ 45/17 kellu jservi ta' *warning* li. Kien fl-interess tal-operatur li ma jagħlaqx għajnejh u jħalli f'idejn l-impjegati.

23. Madanakollu, <u>ftit xhur biss</u> wara dak il-każ, kien hemm *racket* sħiħ għaddej ta' ċertifikati foloz li inħarġu mill-istazzjon tal-VRT in kwistjoni. Irrispettivament minn min kien il-*perpetrator*, l-operatur wera nuqqas ta' kontroll f'dak li kien qiewgħed jiġri fl-istazzjon. L-iskala ta' abbuż kienet konsiderevoli u fiha innifisha hi prova li Grech ma kinitx qegħda tagħmel superviżjoni dwar dak li kien għaddej fil-VRT station. Biżżejjed jingħad li kien hemm 177 vettura li ingħataw ċertifikat li sarilhom VRT *test* u ngħataw pass, meta mill-investigazzjoni rriżulta li t-*test* ma sarx. Kien hemm ukoll 51 vettura li nħarġilhom ċertifikat ta' pass meta suppost m'għaddewx mit-*test*. Saħansitra, kien hemm 618 il-vettura li skont ir-*records* sarilhom *test* tal-VRT iżda li ma kellhomx ritratti tal-vetturi skont ma jrid regolament 18C tal-L.S. 65.15. Nuqqas li seħħ matul ix-xhur ta' Novembru u Diċembru, 2017.

24. Dak li kien qiegħed isir fl-istazzjon tal-VRT in kwistjoni kien *rampant abuse* li ma jista' qatt ikun tollerat. L-operatur kellha tpoġġi lilha nnifisha f'posizzjoni li tiżgura li dawn l-affarijiet ma jiġrux. M'huwiex biżżejjed li Grech tgħid li m'hijiex persuna teknika u li tħalli f'idejn l-impjegati. Bir-respnsabbiltajiet li l-operatur

---

[12] Ara proċess 45/2017 fl-istess ismijiet.

għandu skont il-liġi, għandu d-dmir li jkun *hands on* fir-rigward ta' dak kollu li jkun għaddejn fl-istazzjon. Grech xehedet:[13]

*"4. Illi s-sistema li jiena kont naħdem biha biex niżgura li ma jkunx hemm abbuż kienet li jiena kont niġbor il-flus l-għada filgħodu tal-ġurnata preċedenti bil-printouts tal-kompjuter b'kollox biex inkun f'pozizzjoni li nista' naċċerta ruħi li abbuż ma seħħx".*

25. Pero' jekk dak kien qiegħed jiġri ta' kuljum, kif qalet Grech, wieħed mingħajr ma jrid jistaqsi kif ma qabditx l-abbuż ? Grech m'offriet l-ebda spjegazzjoni li setgħet tikkonvinċi lit-Tribunal li bl-użu ta' diliġenza xorta ma kinitx tkun kapaċi tiskopri l-abbuż li kien għaddej fl-istazzjon tal-VRT tal-kumpannija tagħha.

26. Fl-affidavit Grech kompliet tispjega li matul ix-xahar ta' Diċembru, 2017 ma kinitx baqgħet tagħmel dak l-eżerċizzju, *"...... għaliex dejjem kont preżenti s-Sibtijiet għall-erba' sigħat li kien jagħmel il-part time tester"*. Pero' dik kienet deċiżjoni tagħha li biha poġġiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni fejn ma kinitx qegħda tagħmel verifiki dwar iċ-ċertifikati li kienu qegħdin jinħarġu.

27. Ir-rapport li għamlet Grech lill-pulizija ma jistax jagħmel tajjeb għan-negligenza tal-operatur tal-istazzjoni tal-VRT (regolament 11(5) tal-L.S. 65.15), li evidentement ma kinitx *hands on* fl-istazzjon tal-VRT. Dak li għamel Delia kien frott ta' nuqqas ta' verifiki u superviżjoni min-naħa tal-operatur.

28. Pero' apparti r-revoka tal-permess, l-Awtorita imponiet ukoll fl-operatur penali ta' 11,010 u multa penali ta' €11,100.

29. Fl-ittra tas-26 ta' Frar, 2018 inkiteb:

*"Consequently, the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence 1,010 penalty points are being imposed against you for a violation of Items 49 and 93 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as follows:*

| ***Item*** | ***Offence*** | ***Points*** |
|---|---|---|
| *49* | *Photo procedure not followed* | *10* |

[13] Fol. 38.

| | | |
|---|---|---|
| *93* | *Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail result should have been issued* | *1,000* |

*In addition, you are liable to pay the Authority the sum of eleven thousand one hundred and ten Euro (€11,110) by way of administrative fine in terms of Regulation 21(4) of S.L. 65.15".*

30. L-Awtorita' ma ressqet l-ebda prova li kienet l-appellanti li ħarġet dawk ir-riżultati pożittivi kollha ta' *test*. *Test* li jew ma sarx jew jekk sar kellu jkun juri li t-*test* falla. Lanqas ma tressqet xi prova li l-appellanti Grech kienet b'xi mod involuta jew kompliċi fl-illegalitajiet li kien qiegħed jagħmel Delia fl-istazzjon tal-VRT.

31. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li mill-paragrafi tar-regolament 25 li ssemmew fl-ittra tal-konvenuta, wieħed jista' jikkonkludi li l-liġi qegħda tikkontempla għal *strict liability* fuq l-operatur tal-VRT station. Anzi paragrafu (r) jagħti lill-qorti x'tifhem li jkun hemm ksur tal-kondizzjoni tal-liċenzja li tissemma f'dak il-paragrafu, meta jkun l-operatur innifsu li joħroġ ċertifikat ta' pass mingħajr ma jkun sar *test* fuq il-vettura jew fejn suppost it-*test* ikun falla. Hu fatt li skont regolament 19 tal-istess leġislazzjoni sussidjarja suppost li ċ-ċertifikat kien iffirmat mill-operatur. Madankollu l-Awtorita' ma ressqitx prova li ċ-ċertifikati in kwistjoni kienu iffirmati mill-operatur. Prova li fil-fehma tal-qorti kienet kardinali sabiex l-Awtorita' tikkonvinċi lill-qorti li ħadet id-deċiżjoni korretta. Skont ma xehedet Anna Maria Grech,[14] Joe Delia kien sempliċi ħelper tat-*testers* li kienu jaħdmu fl-istazzjon tal-VRT ta' Motor Tests Services Limtied f'Ħal-Luqa. M'hemmx prova waħda li Grech qatt awtorizzat lil Delia sabiex ikun rappreżentant legali tal-kumpannija fil-ħruġ taċ-ċertifikati ta' VRT. Inoltre, l-Ispettur Hubert Cini stess xehed li meta interroga lil Delia kien infurmah li Grech ma kellha x'taqsam xejn f'dak li kien għamel.[15]

32. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni li titratta dwar il-punti

[14] Ara affidavit a fol. 38.
[15] Ara fol. 46.

ta' penalita' u multa amministrattiva fir-rigward ta' ħruġ ta' ċertifikat ta, *"93. riżultat pożittiv ta' test, jew mingħajr ma wettaqt it-test komplet, jew fejn kellu jinħareġ riżultat li juri li t-test falla"*.

33. Għal dak li jikkonċerna l-punti ta' penalita u multa amministrattiva, il-qorti m'hiijex tal-fehma li l-appellanti ressqet provi sodisfaċenti għat-teżi tagħha. Fis-sentenza t-Tribunal osserva kif kien hemm nuqqas ieħor li *"ma kinux ġew sottomessi lill-Awtorita ritratti ta' 618 vettura li għamlu t-test għall-perjodu bejn l-1ż ta' Diċembru, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2017 u dan kif jitlob ir-Regolament 18C tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15"*. Dan kif jirriżulta mill-ittra tal-appellata datata 26 ta' Frar, 2018.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-15 ta' April, 2019 billi:-**

1. **Tħassar dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal li ċaħdet l-appell tal-appellanti fir-rigward tal-punti ta' penalita' u multa amministrattiva li għandhom x'jaqsmu ma' ħruġ ta' ċertifikati mill-operatur ta', *"93. riżultat pożittiv ta' test, jew mingħajr ma wettaqt it-test komplet, jew fejn kellu jinħareġ riżultat li juri li t-test falla"*.**
2. **Tilqa' t-talba tal-appellanti limitatament in kwantu tirreferi għall-punti ta' penalita' (1,000) u multa amministrativa (€11,000) li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati ta' pass tal-VRT.**
3. **Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet fil-kawża.**

Anthony Ellul.